20 ta' Settembru, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

*Il-Pulizija versus Carmelo Attard*

**Traffiku — Postijiet Vojda għall-Passiġġieri — Char-a-Banc — Konduttur — Appell — Liċenza tal-Karrozza — Sospensjoni — Art. 17 tal-Kap. 105.**

*Għall-kontravvenzjoni li tiġi kommessa meta char-a-banc titlaq mit-terminus mingħajr in-numru ta' postijiet vojta għall-passiġġieri skond l-ordni tal-Pulizija, huwa responsabili l-konduttur, u mhux id-driver. Imma jekk id-driver, b'dan kollu, jiġi kundannat bħala ħati ta' dik il-kontravvenzjoni, u huwa ma jappellax minn dik il-kundanna, is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti ma tistax tiġi riveduta fl-Appell.*

*Jekk dak id-driver jappella limitatament għall-piena, fis-sens li jitlob li tiġi mħassra l-kundanna għas-sospensjoni tal-liċenza tal-karrozza, ma tidħolx il-kwistjoni jekk is-sospensjoni tal-liċenza hijiex piena jew le, u lanqas hemm lok għall-kwistjoni jekk l-appell setax isir, għax l-appell huwa ta' l-imputat, u dan jista' jappella dejjem, billi d-dritt tiegħu ta' l-appell ma hux limitat bħal ma hu dak ta' l-Attorney General.*

*Il-Qorti ma tistax tordna s-sospensjoni tal-liċenza tal-karrozza, meta din hija proprjetà mhux tad-driver li kien imputat, imma ta' ħadd ieħor li ma hux fil-kawża.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-imsemmi Attard ġie mressaq quddiem il-Qorti Kriminali ta' Malta sabiex jirrispondi għall-imputazzjoni illi fil-31 ta' Mejju 1952, għal xi l-11 a.m., waqt li kien jaħdem ta' driver fix-char-a-banc numru 3266, telaq mit-terminus ta' Kastilja mingħajr ma ħalla postijiet vojta skond l-ordnj tal-Pulizija, u jirrispondi wkoll għat-talba tal-Kummissarju tal-Pulizija għas-sospensjoni tal-liċenzi tiegħu kollha tas-sewqan u tax-char-abanc numru 3266;

Rat is-sentenza li tat dik il-Qorti fit-12 ta' Lulju 1952, li biha l-imsemmi Attard ġie misjub ħati u kundannat għall-ammenda ta' 10s. u għas-sospensjoni tal-liċenzi kollha tas-sewqan tiegħu u tax-chara-banc numru 3266, għal żmien tmint ijiem mit-13 ta' Lulju 1952;

Rat ir-rikors ta' l-imputat, li bih appella lil dina l-Qorti limitatament għall-kundanna tas-sospensjoni tal-liċenza "tal-karrozza";

Trattat l-appell;

**Ikkunsidrat;**

Fil-meritu ma hemmux appell. Għalhekk, għalkemm din il-Qorti, fi pronunċja tagħha reċenti ("Pulizija vs. Vella" 13. 9. 52), irriteniet li għal kontravvenzjoni bħal dik formanti l-oġġett ta' din iċ-ċitazzjoni hu responsabili mhux id-driver (kif inhu l-imputat), iżda l-"conductor", eppure, peress li ma hemmux appell mill-meritu, dik il-kundanna ma hix aktar soġġetta għar-reviżjoni;

L-appell, kif ingħad, hu limitat għall-pont jekk fi proċeduri kontra d-driver biss, u għal kontravvenzjoni imputata lilu, tistax il-Qorti tissospendi l-liċenza tal-karrozza meta din hija proprjetà mhux tad-driver imputat, iżda ta' ħadd ieħor li ma hux fil-kawża;

Fil-kors tad-dibattitu, l-Avukat tal-Kuruna Dr. Caruana Curran osserva, "passim", bla ma ta ebda eċċezzjoni formali, illi s-sospensjoni ma hix proprjament piena; u għalhekk jista' jiġi dubitat jekk hemmx lok għall-appell. Il-Qorti tirrileva, "passim", illi, għad-differenza ta' każ ieħor li ġie quddiem din il-Qorti ("Pulizija vs. Micallef et." 7. 4. 45), fuq appell ta' l-Attorney General, dan hu appell ta' l-imputat; u hu risaput li, mentri l-appell ta' l-Attorney General huwa limitat, dak ta' l-imputat ma hux;

Fuq l-appell kif limitat;

Id-dispożizzjoni rilevanti hi dik tat-tieni subartikolu ta' l-art. 17 tal-Kap. 105, Edizzjoni Riveduta, li jgħid hekk:—"On conviction for any offence against such Regulations, the Court shall, at the instance of the Commissioner of Police, suspend any licence held by the offender, or granted in respect of the car driven by him at the time of the offence etc. etc.";

Ġie osservat fir-rikors li, peress li hemm il-partiċella diżġuntiva "OR", allura l-Qorti tista' biss tissospendi l-waħda jew l-oħra, ċjoè jew id-driving licence jew il-liċenza tal-karrozza, u mhux it-tnejn f'salt. Dan ir-riljev ma hux korrett; għaliex fil-kontest tar-regolament id-diżġuntiva "OR" ma

hix qiegħda tillimita l-poter tal-Qorti, imma qiegħda biex tiddistingwi x-xorta tal-liċenza, li tista' tkun dik personali ("driving licence") jew dik tal-karrozza; iżda l-poter tal-Qorti hu estiż għat-tnejn. Il-veru pont tal-kwistjoni huwa jekk, in kwantu għal-liċenza tal-karrozza, il-liġi hijiex qiegħda tirriferixxi biss għall-każ meta d-driver imputat ikun ukoll sid il-karrozza, jew hijiex qiegħda tirriferixxi anki għall-każ li fih sid il-karrozza jkun ħadd ieħor;

F'każ analogu, fejn is-sospensjoni hi ordnata mill-Kummissarju tal-Pulizija, il-liġi adoperat lokuzzjoni diversa biex tikkomprendi ż-żewġ każijiet, tad-driver sid il-karrozza u tad-driver mhux sid il-karrozza. Infatti, fl-art. 79 tal-Kap 13, wara li fl-ewwel subartikolu tat lill-Kummissarju l-fakoltà li jissospendi d-driving licence tad-driver, kompliet tgħid, fit-tieni subartikolu:— "Where the licence of any driver has been suspended as aforesaid, it shall be lawful for the Commissioner of Police to order the vehicle of the person whose licence has been suspended, or the vehicle in which such person was acting as driver at the time when the contravention took place, to be seized for a time not exceeding seven days";

Hawn il-lokuzzjoni hi ċara, u tirriferixxi "expressis verbis" għaż-żewġ każijiet, ċjoè dak li fih id-driver hu wkoli sid il-karrozza, u dak li fih sid il-karrozza hu ħadd ieħor;

Paragun sempliċi mad-dispożizzjoni ta' l-art. 17 fuq imsemmi juri spikkata d-differenza bejn il-lokuzzjoni taż-żewġ dispożizzjonijiet;

Għalhekk il-kwistjoni hi, issa, jekk għandux ikun leċitu lill-Qorti li tinterpreta d-dispożizzjoni ta' l-art. 17 b'mod li tikkomprendi anki l-każ li fih id-driver tal-karrozza ma hux sid il-karrozza, fis-sens illi l-Qorti għandha tissospendi mhux biss id-driving licence, imma anki l-liċenza tal-karrozza, avvolja din tkun ta' persuna differenti mid-driver u li ma kienetx imputata;

L-Imħallef sedenti, wara li rrifletta dwar il-kwistjoni, hu ta' fehma li ma tistax tingħata din l-interpretazzjoni; għal dawn ir-raġunijiet:—

1. Hawn si tratta ta' proċeduri kriminali, "in odiosis", u kwindi ma hix leċita l-interpretazzjoni estensiva; anzi "in

odiosis" il-liġi għandha tiġi interpretata f'sens strettissimu (Kumm. 22. 6. 1872, "Mercieca vs. Debono");

2. Ma hux ġuridikament aċċettabili illi tiġi irrogata penalità lil min ma hux imputat bil-ksur tal-liġi, u lil min ma ġiex imsejjaħ biex jiddefendi ruħu kontra ebda imputazzjoni. Il-proċeduri "in absentia" ma humiex aċċettabili fis-sistema tal-Kodiċi Kriminali Malti. Il-proċeduri huma kontra d-driver, u ma hux ġust li jsofri kundanni s-sid li ma hux imputat;

3. Meta l-liġi riedet xi eċċezzjoni għal dan il-prinċipju, qalitu espressament. Hekk, per eżempju, fil-każ ta' vetturin li jonqos li jmur għal kirja, il-liġi (art. 51 Kap. 13) ikkomminat indennizz favur min ikun kera l-vettura, u mbagħad qalet hekk:— "Għal dan il-ħlas, is-sentenza tista' tiġi eżegwita wkoll fuq il-vettura, għalkemm il-kontravvenzjoni ma tkunx saret mis-sid; bla ħsara, f'dan il-każ, tal-jedd tar-regress kontra d-driver". Hekk ukoll, b'dispożizzjoni espressa, il-liġi — art. 69 Kap. 13 — irrendiet is-sid pekunjarjament responsabili, għalkemm sa ċifra limitata, għall-ħsara li d-driver, b'sewqan irregolari, ikun ikkaġuna lil ħadd ieħor. Vwoldiri li kull meta l-liġi riedet tagħmel eċċezzjoni għall-prinċipju li ħadd ma għandu jsofri kundanni ta' xorta kriminali, jekk mhux fuq proċeduri kontra tiegħu, qalitu espressament. F'dan il-każ ma qalitux, kif għamlet fid-dispożizzjoni analoga ta' l-art. 79 Kap. 13 fuq ċitat u fil-każijiet issa ċitati; u hu prinċipju ta' ermenewtika illi "idem jus statui debet in utroque casu in quo nulla diversitas rationis est assignabilis";

4. Għandu jiġi wkoll notat li fl-art. 79 Kap. 13 jingħad "it shall be lawful for the Commissioner..............."; vwoldiri li din hija fakoltà biss, mhux obligu; u naturalment, fl-eżerċizzju tal-fakoltà lilu mogħtija, il-Kummissarju għandu jara jekk il-kontravvenzjoni li għaliha ġie kundannat id-driver hiex waħda li tirrifletti anki fuq s-sid koerentement għall-obligi imposti lis-sid mil-liġi stess, kif jidher mid-diversi dispożizzjonijiet li jippreċedu l-art. 79; mentri fil-każ ta' l-art. 17, Kap. 105, jingħad "The Court shall..............."; vwoldiri l-Qorti ma tistax tarbitra, u kwindi, kieku kellha tingħata interpretazzjoni estensiva, il-Qorti kienet issib ruħ-

ħa fin-neċessità li tinfliġġi din il-penalità fis-sid anki meta si tratta ta' ħaġa li għaliha hu ma jistax ikun raġjonevolment ritenut responsabili, kif inhi appuntu l-kontravvenzjoni preżenti. Il-fatt li fl-art. 17 hemm impost obligu, u mhux fakoltà, għandu jirribadixxi n-neċessità ta' interpretazzjoni restrittiva; għaliex il-Qorti lanqas tista' tara jekk hux il-każ ta' xi vjolazzjoni li għaliha, avvolja mhux fuq proċeduri kontra tiegħu, imma almenu b'liġi, hu responsabili s-sid, bħall-każ ta' l-art. 130 tar-Regolamenti tat-Traffiku;

5. Argument ieħor hu deduċibili mid-dispost ta' l-art. 24 Kap. 12, li jikkontjeni dispożizzjoni ġenerali, li għalhekk għandha tiffornixxi materja ta' interpretazzjoni fil-każijiet li fihom il-liġi ma tiddisponix espressament xort'oħra. Dan l-artikolu jikkommina ċerti konsegwenzi tal-kundanna fuq l-oġġetti inservjenti għall-kommissjoni tar-reat, iżda jagħmel kontestwalment riżerva favur dawk li għandhom jedd fuq dawk l-oġġetti u li ma pparteċipawx fir-reat;

Għalhekk, bl-istess raġuni, ma hux sewwa li kontra s-sid tiġi dekretata s-sospensjoni tal-liċenza tal-karrozza tiegħu, meta ma ġiex pruvat, u lanqas seta' jiġi pruvat, għaliex hu ma kienx imputat, li hu ipparteċipa fir-reat;

Għalhekk il-Qorti jidhrilha li d-dispożizzjoni ta' l-art. 17 Kap. 105 għandha tiġi interpretata fis-sens li hemm lok għas-sospensjoni tal-liċenza tal-karrozza fuq proċedura kontra d-driver meta l-karrozza hi proprjetà tad-driver stess;

Għal dawn ir-raġunijiet tiddeċidi billi tilqa' l-appell kif limitat, fis-sens li tirriforma s-sentenza appellata billi tneħħi s-sospensjoni tal-liċenza tal-karrozza.